MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 74/2023 LM

**Colin Engle (Passaport numru 534554564)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**STM Malta Pension Services Limited (C 51028)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **STM Malta Pension Services Limited (C 51028)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'] mogħtija fis-16 ta' Ġunju, 2023, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'],

li permezz tagħha ddeċieda li jilqa' parzjalment l-ilment tar-rikorrent **Colin Engle (Detentur tal-Passaport Ingliż nru. 534554564)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kif ġej:

> ***"Conclusion***
>
> ***For the above-stated reasons, the Arbiter considers the complaint to be fair, equitable and reasonable in the particular circumstances and substantive merits of the case (****fn. 81 Cap. 555, Article 19(3)(b))*** **and is accepting it in so far as it is compatible with this decision.***
>
> ***Cognisance needs to be taken of the responsibilities of other parties involved with the Scheme and its underlying policy. Hence, having carefully considered the case in question, the Arbiter considers that the Service Provider is to be partially held responsible for the damges incurred.***
>
> ***The claims of the Complainant are, for example, not being met in full to reflect the failure by his financial advisor (whom he had appointed), to note and raise the divergences emerging in the charging structure.*** *(fn. 82 Cap. 555, Article 19(3)(b))*
>
> **Compensation**
>
> ***Being mindful of the key role of STM Malta Pension Services Limited as Trustee and Retirement Scheme Administrator of the STM Malta Retirement Plan and Policyholder of the*** **Providence Life** ***policy, the Arbiter concludes that the Complainant should be compensated by STM Malta for damages suffered as a result of the lack of protection it afforded to safeguard his property and protect his interests.***
>
> ***Therefore, in accordance with Article 26(3)(c)(iv) of Chapter 555 of the Laws of Malta, the Arbiter orders STM Malta Pension Services Limited to pay the Complainant the amount of 70% (seventy percent) of the amount of any Marketing Fee that may be charged and paid on his underlying policy.***
>
> ***With legal interest from the date of this decision till the date of effective payment.***
>
> ***The expenses of this case are to be borne by the Service Provider."***

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw *marketing fee* ta' £18,874.06, li tnaqqset minn polza ta' assigurazzjoni tal-ħajja numru PLl200897 miżmuma mill-appellat, wara li huwa kien f'Diċembru 2013 applika għat-trasferiment tal-pensjoni tiegħu ġewwa r-Renju Unit. L-imsemmija polza kienet inħarġet minn Providence Life Limited bħala investiment sottostanti ta' skema tal-irtirar [minn issa 'l quddiem 'l-Iskema'] amministrata mis-soċjetà appellanta. Meta mbagħad fis-sena 2021 huwa ġie sabiex ittrasferixxa s-servizzi mis-soċjetà appellanta għal STM Gibraltar, huwa kien talab għal *surrender quote* mingħand din tal-aħħar, u sab li kienet tnaqqset l-imsemmija miżata.

## Mertu

3. L-appellant ippreżenta lment quddiem l-Arbitru fis-6 ta' Jannar, 2022, fil-konfront tas-soċjetà appellata, fejn issottometta li fl-applikazzjoni tas-sħubija kien ġie ndikat b'mod ċar iċ-*Charging Structure* mingħajr ma ssemmiet il-miżata in kwistjoni ta' 1%. Issottometta wkoll li skont it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dik l-applikazzjoni, is-soċjetà appellanta kienet tenuta tinnotifikah bil-quddiem b'kull bidla fil-miżati, iżda fil-każ odjern dan ma kienx seħħ. Qal li sussegwentement is-soċjetà appellanta kienet infurmatu li l-kwistjoni tal-miżata kienet riżultat ta' żball fl-*accounting system* ta' Providence Life Limited, u li hija ma kellha xejn x'taqsam mal-kwistjoni, u dan filwaqt li għaddietlu żewġ dokumenti maħruġa mill-imsemmija Providence Life Limited b'riferiment għall-iżball li kien ġie skopert fl-*accounting system* tagħha. Għalkemm fuq parir tal-Uffiċċju tal-Arbitru huwa kien ressaq ilment mas-soċjetà appellanta fis-26 ta'

Novembru, 2021, huwa kien baqa' mingħajr tweġiba. Filwaqt li l-appellat sostna li s-soċjetà appellanta kienet naqset li tassistih biex jikkontesta l-miżata in kwistjoni, u b'hekk hija kienet naqset mid-doveri fiduċjarji tagħha bħala *Trustee,* huwa talab sabiex il-miżata titneħħa għal kollox mis-*surrender quote.*

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fil-25 ta' Jannar, 2022, billi eċċepiet li (a) wara li l-appellat kien irrikorra għand konsulent finanzjarju, huwa ma setax jargumenta li ma kienx jaf li kien hemm żewġ prodotti distinti, u li kien hemm ukoll *charging structure* separata; (b) it-titolari tal-polza preżenti kellha tikkontesta l-miżata pretiża ma' Providence Life Limited; (ċ) hija m'għandha l-ebda kontroll fuq Providence Life Limited. Għaldaqstant hija ma kellhiex tinżamm responsabbli lejn l-appellat.

**<u>L-Appell</u>**

5. Is-soċjetà appellanta ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata, u ntavolat appell quddiem din il-Qorti fil-5 ta' Lulju, 2023, fejn talbet sabiex:

> *"...din l-Onorabbli Qorti jogħġobha: tirrevoka, tħassar jew tvarja s-sentenza li ttieħdet mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fis-16 ta' Ġunju 2023 u dan salv dawk li jidhrilha xieraq u opportun din l-Onorabbli Qorti.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-Appellat".*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma li (a) l-Arbitru applika u nterpreta ħażin il-liġi, għaliex skont il-liġi kien hemm biss obbligu ġenerali tal-amministratur tal-iskema tal-irtirar li jiżvela l-miżata f'dik il-kwalità u bħala *Trustee,* u mhux ukoll tal-polza sottostanti bħal dik ta' Providence Life Limited*;* u (b) mingħajr

preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-Arbitru applika u nterpreta ħażin il-liġi meta ddeċieda li hija naqset mid-dmirijiet tagħha bħala *Trustee* meta ma żvelatx il-miżata ta' terzi fl-applikazzjoni ta' sħubija, u anki li hija għandha tħallas 70% tal-kumpens.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

6. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li ġie kkunsidrat u deċiż fid-deċiżjoni appellata, u meħudin ukoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellat. Tagħraf li ż-żewġ aggravji tagħha huma pjuttost marbutin flimkien, u t-tieni aggravju saħansitra jitlaq minn punt li s-soċjetà appellanta tqajjem fl-ewwel aggravju. Għalhekk tgħid li jkun utli li l-imsemmija aggravji jiġu ttrattati flimkien.

7. <u>L-aggravju prinċipali</u> tas-soċjetà appellanta huwa li l-Arbitru applika u interpreta ħażin il-liġi meta ddeċieda li hija kienet naqset mid-dmirijiet tagħha bħala *Trustee,* u għalhekk kellha tinżamm responsabbli fil-konfront tal-appellat. Is-soċjetà appellanta tiddikjara li l-għemil lamentat kien dak ta' Providence Life Limited, u għalhekk ir-rimedju li kien qed jitlob l-appellat huwa sabiex il-miżata ma tiġix imnaqqsa u mħallsa lis-soċjetà Providence Life Limited. Għaldaqstant is-soċjetà appellanta tikkontendi li l-Arbitru ma kellu l-ebda kompetenza jiddeċiedi l-mertu. Is-soċjetà appellanta tgħid li fit-tieni lok, il-kwistjoni odjerna hija waħda kumplessa, u bħal kwistjonijiet oħra ta' investiment finanzjarji, il-liġi mhux dejjem tipprovdi risposta ċara. Is-soċjetà appellanta tgħid li hemm *in vigore* bosta liġijiet u regolament speċjali flimkien ma' direttivi maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Iżda tgħid li l-Qorti għandha tqis li l-liġijiet

applikabbli u anki d-dokumentazzjoni tal-Iskema, kienu nbidlu minn żmien għal żmien, u t-tweġiba tagħha kienet ser tkun limitata għas-snin bejn 2012 u 2016, li huwa l-perijodu meta l-appellat kien sar membru tal-Iskema. Tissottometti li dak iż-żmien il-liġijiet u r-regoli kienu maħsuba għal pjanijiet tax-xogħol, iżda peress li kienu wkoll bdew jinħarġu liċenzji għal pjanijiet personali, l-aktar pjanijiet QROPS, il-MFSA addottat l-Att li Jirregola Fondi Speċjali [il-Kap. 450], flimkien mal-i*Standard Operating Conditions applicable to pension schemes licenced under the Special Funds (Regulation) Act of 2002* [minn issa 'l quddiem 'SOC'] ippubblikati minnha stess. Tirrileva li r-regoli kollha fiż-żmien in kwistjoni kienu jittrattaw l-iżvelar tat-tariffi tal-Amministratur ta' Skema u mhux ukoll dawk ta' partijiet terzi bħal Providence Life Limited. Tgħid ukoll li l-Kap. 450 ma kienx jipprovdi għall-iżvelar tat-tariffi, iżda kien jittratta l-aktar il-ħolqien ta' qafas ġenerali għall-iskemi u l-fondi tal-irtirar. Is-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għar-regoli B2.5.3, B.1.1.14 u B1.2.1(hh) tas-SOC, u ttenni għal darb'oħra li madankollu ma kien hemm l-ebda gwida jew regola dwar l-iżvelar tat-tariffi tal-poloz sottostanti. Tgħid li anki d-disposizzjonijiet u d-dokumenti tal-Iskema kif approvati mill-MFSA, kienu l-aktar ikkonċentrati fuq il-ħlasijiet tal-Amministratur tal-Iskema u tal-kustodji, u l-*investment managers.* Hija tirrileva li dak iż-żmien, u l-aktar fis-snin 2015 u 2016, kien hemm diskussjonijiet konsiderevoli sabiex jiġi deċiż x'tip ta' żvelar ta' tariffi kellu jsir, u l-MFSA u l-parteċipanti fl-industrija tal-iskemi tal-irtirar kienu qablu li l-membri għandhom jingħataw firxa ta' tariffi sabiex applikant ikun jista' jifhem l-istruttura ġenerali tal-miżati applikabbli tal-iskema. Is-soċjetà appellanta tgħid li mingħajr l-ebda ħtija, hija kienet ipprovdiet valutazzjonijiet li ġew mgħoddija lilha mingħand Providence Life Limited, u li ma kienux korretti. Tinsisti li hija kienet imxiet skont

il-qafas regolatorju ta' dak iż-żmien, għaliex indikat fl-applikazzjoni l-miżata tagħha bħala Amministratriċi u *Trustee*. Tgħid li l-Arbitru kien sab li hija kienet naqset mill-obbligi tagħha mhux bħala Amminstrattriċi tal-Iskema, iżda mill-obbligi ġenerali tagħha bħala *Trustee.* Tikkontendi li d-dinamika u l-iskop tal-iskemi tal-irtirar, li huma diretti mill-membri stess jew *'member directed',* huma differenti sew minn dawk ta' *trust.* Is-soċjetà appellanta tirrileva punt ieħor, li hija ma kienitx taf bil-problema fis-sistema ta' Providence Life Limited, u għalhekk qatt ma setgħet tavża lill-membri tagħha biha.

*It-tieni aggravju* tas-soċjetà appellanta jittratta iktar fil-fond l-allegat nuqqas tagħha bħala *Trustee* meta ma żvelatx il-miżata ta' terzi, u r-responsabbiltà tal-konsulent finanzjarju f'dan il-kuntest. Tissottometti li fil-każ odjern, filwaqt li l-imsemmi konsulent finanzjarju kien tħallas *commission* ta' 3.5% ekwivalenti għal €4,467, hija kienet tingħata biss dritt għas-servizzi li toffri sabiex iżżomm l-assi bħala *custodian.* Għalhekk fil-każ tal-konsulent finanzjarju tinsisti li l-kunflitt ta' interess tiegħu kien wieħed ċar, għaliex iktar ma jkun kbir l-ammont investit, iktar kienet ser ikun il-*commission* tiegħu. Tgħid li huwa proprju mal-istess konsulent finanzjarju li l-aktar kellu x'jaqsam l-appellat, u dan seta' saħansitra jiġi kkunsidrat bħala aġent ta' Providence Life Limited, fejn kien jaf jew fejn kellu fil-pussess tiegħu t-termini u l-kundizzjonijiet fejn kien hemm indikat ukoll il-miżata ta' 1%. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-istess konsulent finanzjarju kien naqas mid-dmirijiet u l-obbligi fiduċjarji tiegħu meta ma spjegax il-prodott li kien qiegħed jinbiegħ lill-appellat, anki l-miżati marbutin miegħu. B'riferiment għal dak li xehed l-appellat dwar il-firem tiegħu fuq id-dokumentazzjoni relattiva, tirrileva li dan kien imur kontra l-prinċipju ġenerali tal-Kodiċi Ċivili li l-kuntratti

għandhom jiġu eżegwiti *in buona fede.* Is-soċjetà appellanta tgħid li jirriżulta fil-fatt li deVere Group kien għamel ommissjoni qarrieqa fir-rigward tal-miżati dovuti mingħand l-appellat, li uża n-narattiva li l-konsulent finanzjarju ssuġġerielu, jiġifieri li hija kienet responsabbli ġaladarba l-applikazzjoni li huwa ffirma kienet tagħha. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li l-Arbitru kien żbaljat meta attribwixxa 70% tat-tort lilha għaliex *"the Complainant relied on STM Malta as the Trustee of the Scheme to act with the diligence and attention of a bonus pater familias, to account to him and provide him with information and highlight material aspects in relation to his Scheme, protect his interests and safeguard his property from loss or damage".* Filwaqt li tagħmel riferiment għal dak li qal Gloster J. f'**JP Morgan Bank (formerly Chase Manhattan Bank) *v* Springwell Navigation Corp** fir-rigward tar-rwol ta' konsulent finanzjarju, is-soċjetà appellanta ssostni li kien proprju d-dmir tal-konsulent finanzjarju tal-appellat li jagħtih parir dwar il-portafoll tiegħu, u dan iktar u iktar fejn sar jaf li l-appellat allegatament ma kellux id-dixxerniment intelletwali bażiku ta' kif jaħdem is-suq. Ma kienx jidher li l-konsulent finanzjarju kien ittenta jikkomunika ma' Providence Life Limited f'dik il-kapaċità tiegħu. Is-soċjetà appellanta tgħid li madankollu l-Arbitru naqas milli jikkunsidra li l-konsulent finanzjarju kien qiegħed jagħti parir, u li dan kellu obbligu pesanti. Min-naħa tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li hija kienet żvelat il-miżati dovuti lilha, u tassew ma kienitx taf bil-problema tal-valutazzjonijiet li kellha Providence Life Limied. Is-soċjetà appellanta qalet li imma għal dan hija ma kellhiex terfa' responsabbiltà fil-perċentwali ta' 70%. Is-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili, u tikkontendi li jekk din il-Qorti ssib li hemm raġunijiet validi sabiex terfa' din ir-responsabbiltà, fejn

wara kollox hija qatt ma rċeviet il-miżata in kwistjoni, ir-responsabbiltà tagħha ma setgħetx tkun ikbar minn dik ta' min kien ta il-parir lill-appellat, jiġifieri id-deVere Group. Tgħid li proprju kien hemm tliet partijiet involuti fit-tranżazzjoni, u għalhekk hija għandha tiġi allokata responsabbiltà għal 33% tal-kumpens dovut. Tissottometti li l-kwantifikazzjoni ta' kumpens hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, fejn il-prinċipji applikabbli mhumiex assoluti. B'riferiment għall-prinċipju ġenerali li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata minn tribunal jew qorti tal-ewwel istanza, tissottometti li fil-fehma tagħha l-provi prodotti ma setgħu qatt iwasslu għall-konklużjoni tal-Arbitru. Tgħid li meħud in konsiderazzjoni dan kollu, l-aggravji tagħha kien jistħoqqilhom li jiġu milqugħa.

8. L-appellat jissottometti li kif osserva korrettement l-Arbitru, is-soċjetà appellanta taħt l-obbligu ġenerali tagħha ta' *Trustee ai termini* tal-Kap. 331, kellha taġixxi bil-prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' *bonus paterfamilias* kif rifless fil-para. (a) tas-subartikolu 21(2) tal-istess liġi. L-appellat hawnhekk jagħmel riferiment u jiċċita diversi sentenzi ta' din il-Qorti in sostenn tal-argument tiegħu. L-appellat jirrileva mingħajr preġudizzju għal dawn l-ewwel sottomissjonijiet tiegħu, li fir-rikors tal-appell tagħha s-soċjetà appellanta filwaqt li għażlet li tikkunsidra biss il-liġijiet applikabbli bejn l-2012 u l-2016, ma kkunsidratx id-disposizzjonijiet tal-*'Consultation on Amendments to the Pension Rules Issued Under the Retirement Pensions Act',* li kien inħareġ mill-MFSA fis-6 ta' Diċembru, 2017, fejn skont l-Arbitru *"MFSA was basically outlining principles established both in the TTA (Trusts and Trustees Act) and the Civil Code which had already been in force prior to 2017."* Jgħid li minn dan kollu jirriżulta li mhux

minnu li l-Arbitru applika liġi jew prinċipju li ma kienx jeżisti, jew ma kienx applikabbli fiż-żmien li s-soċjetà appellanta kienet qiegħda taġixxi bħala *Trustee* u/jew Amministratriċi tal-Iskema. Jirrileva li kif irriżulta mill-provi, huwa kien ingħata polza f'Mejju 2014, li kellha t-termini u l-kundizzjonijiet tagħha differenti minn dawk spjegati fl-applikazzjoni għall-akkwist tal-istess polza, fejn is-sezzjoni ta' *Charging Structures* naqset li tindika l-miżata in kwistjoni. L-appellat jikkontendi li għall-kuntrarju ta' dak allegat mis-soċjetà appellanta, l-Arbitru kien daħal sew fid-dokumenti provduti minnha stess u li kienu ġew iffirmati mill-appellat, u korrettement ma qabilx li l-informazzjoni fl-imsemmija dokumentazzjoni kienet waħda korretta u sħiħa, u b'hekk sab ksur tal-obbligi ġenerali tagħha fil-kwalità ta' *Trustee* u Amministratriċi tal-Iskema. L-appellat jgħid li huwa ma kienx ġie avżat formalment u adegwatament bid-diverġenzi fil-miżati, u dan għal darb'oħra kif osserva l-Arbitru bi ksur tal-prinċipji tat-*Trustees* u tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji applikabbli. L-appellat itenni li huwa ma kienx jiffirma l-applikazzjoni relattiva li kieku kien jaf bil-miżata in kwistjoni. Jirrileva li l-Arbitru rrikonoxxa li s-soċjetà appellanta kellha l-obbligu bħala *Trustee* u Amministratriċi tal-Iskema, li tiżvela l-miżati mposti fuqha fl-istess kwalità u bħala titolari tal-polza sottostanti. Dwar it-tieni aggravju, l-appellat jissottometti li huwa ma jaqbilx mas-sottomissjoni tas-soċjetà appellanta, li l-ilment kien riżultat tan-nuqqas tal-konsulent finanzjarju tiegħu, u jikkontendi li hija b'hekk ma tistax taħrab mill-obbligazzjonijiet u l-funzjonijiet tagħha bħala *Trustee* u Amministratriċi tal-Iskema. Jinsisti li s-soċjetà appellanta kellha tkun taf bid-diverġenzi fl-Iskema li hija stess fasslet, kif ukoll dawk riżultanti fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza li kienet applikat għalihom. Min-naħa tiegħu, l-appellat jgħid li huwa m'għandux jaħti għan-nuqqasijiet tal-partijiet l-oħra fil-

kawża, għaliex huwa kien straħ fuqhom, u għalhekk kien jistenna li l-fiduċja tiegħu tintlaqa' bil-prudenza, diliġenza u attenzjoni. L-appellat jsostni li mhux minnu li l-Arbitru ma kienx ħa in konsiderazzjoni ir-rwol ta' terzi, anki r-rwol tal-konsulent finanzjarju tiegħu, għaliex huwa saħansitra ordna li hija għandha tħallas 70% tal-miżata dovuta mingħandu. L-appellat jagħlaq is-sottomissjonijiet tiegħu billi jirrileva li jekk is-soċjetà appellanta hija tal-fehma li l-ilment huwa tassew konsegwenza tal-aġir ta' terzi, hija tista' dejjem iżżomm lil Providence Life responsabbli, iżda huwa nnifsu ċertament ma jistax ibati l-konsegwenzi tal-allegat *system error*.

9. Il-Qorti mill-ewwel tgħid li l-Arbitru kien ġust u anki korrett fattwalment u legalment fid-deċiżjoni tiegħu. L-Arbitru jibda bis-solita dikjarazzjoni li m'hemm l-ebda dubju jew kontestazzjoni dwarha, jiġifieri li huwa kien ser jiddeċiedi l-ilment skont dak li fil-fehma tiegħu kien ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari, u meħudin in konsiderazzjoni l-merti sostantivi tal-każ. Imbagħad, wara li għamel diversi konstatazzjonijiet fir-rigward tal-informazzjoni li huwa seta' jieħu dwar l-appellat mill-Applikazzjoni għas-Sħubija esebita fl-atti, l-Arbitru għadda sabiex għamel l-osservazzjonijiet tiegħu fir-rigward tas-sħubija fl-Iskema u l-akkwist tal-polza sottostanti, u anki fir-rigward tal-konsulent finanzjarju tal-appellat. Il-Qorti tirrileva li m'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-imsemmija osservazzjonijiet.

10. L-Arbitru kkunsidra li f'Novembru 2020, l-appellat kien applika sabiex jittrasferixxi l-investiment tiegħu mill-Iskema għal '*The STM G.I.B. Pension Transfer Plan'*, fejn it-*Trustee* kienet STM Fidecs Pension Trustees Limited, u b'hekk is-soċjetà appellanta ma baqgħetx tokkupa r-rwol ta' *Trustee,*

Amministratriċi tal-Iskema, u titolari tal-polza Providence Life. L-Arbitru kkunsidra l-kontenut tal-ittra Settembru 2021, mibgħuta minn Providence Life Limited lis-soċjetà appellanta, fejn ġiet avvżata li kien sar żball fil-valutazzjoni tal-polza, fejn ma kienux tnaqqsu l-*marketing fees*. L-Arbitru kkunsidra wkoll l-informazzjoni li kienet ingħatat permezz ta' dokument irrilaxxjat minn Providence Life Limited intestat *'Horizon Portfolio Bond system Error FAQ'.* Minn hawnhekk għadda sabiex eżamina d-diversi dokumenti fejn kienu mfissra l-miżati li kellhom jitħallsu mill-appellat fir-rigward tal-polza sottostanti. L-Arbitru beda billi kkunsidra li l-applikazzjoni għal sħubija li kienet ġiet iffirmata f'Diċembru 2013, kellha sezzjoni ntitolata '*Charging Structure',* fejn kien hemm indikati l-miżati li kellhom jitħallsu mill-appellat, u għadda sabiex elenkahom. Qies ukoll dak li kien hemm imniżżel fil-*Providence Life Policy Key Features Document* u l-*Providence Life Policy Application Form,* fejn kien hemm imfissra l-miżati applikabbli taħt is-sezzjoni 6. Ikkunsidra wkoll il-*Policy Document* li nħareġ f'Marzu 2014 minn Providence Life bil-polza nru. PLL200897, fejn kien hemm sezzjoni ntestata *'Policy Charges',* u din għażel li saħansitra jiċċitaha. L-Arbitru rrileva li d-dettalji dwar dawn il-miżati ġew inklużi f'dokument ieħor intestat '*Terms & Conditions',* li nħareġ flimkien mal-polza, u għadda sabiex għamel paragun bejn it-termini u l-kundizzjonijiet li ħarġu flimkien mal-*Policy Application Form,* u dawk li kienu meħmuża mal-*Policy Document* innifsu. Huwa sab li l-miżata in kwistjoni ssemmiet f'dawn iż-żewġ dokumenti, imma mkien ma ġiet indikata fl-applikazzjoni għal sħubija, u lanqas fil-*Providence Life Key Features Document.*

11. L-Arbitru kkunsidra wkoll il-kariga tas-soċjetà appellanta bħala *Trustee,* u rrileva li hawnhekk kienu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar *Trusts* and *Trustees* (Kap. 331), li l-Qorti tirrileva li kien ġie fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju, 1989, kif sussegwentement emendat, u jagħmel riferiment partikolari għas-subartikolu 21(1), u l-para. (a) tas-subartikolu 21(2). L-Arbitru rrileva li fil-kariga tagħha ta' *Trustee,* is-soċjetà appellanta kienet tenuta li tamministra l-Iskema u l-assi tagħha skont diliġenza u responsabbiltà għolja. In sostenn ta' dan kollu, l-Arbitru jiċċita mill-pubblikazzjoni ***An Introduction to Maltese Financial Services Law***[1] u mill-pubblikazzjoni riċenti tal-MFSA tas-sena 2017, fejn din ittrattat prinċipji diġà stabbiliti qabel dik id-data permezz tal-Att dwar *Trusts* u *Trustees* (Kap. 331), u anki permezz tal-Kodiċi Ċivili. F'dan kollu l-Arbitru tajjeb għaraf l-importanza tagħhom, u li s-soċjetà appellanta kellha ssib gwida fihom fil-funzjoni tagħha ta' *Trustee.*

12. L-Arbitru aċċenna fuq l-obbligu tal-Amministratur tal-Iskema tal-Irtirar sabiex dan jaġixxi fl-aħjar interessi tal-Iskema, u dan kif jirrikjedi s-subartikolu 19(2) tal-Att li Jirregola Fondi Speċjali (il-Kap. 450) u s-subartikolu 13(1) tal-Att dwar Pensjonijiet għall-Irtirar (il-Kap. 514). Il-Qorti hawnhekk iżżid tgħid li m'hemmx dubju li s-soċjetà appellanta hawnhekk kellha obbligi daqstant ċari li timxi fl-aħjar interess tal-Iskema, kemm fiż-żmien li sar l-investiment fis-sena 2013 meta kienu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 450, u anki sussegwentement meta ġie fis-seħħ l-Att dwar Pensjonijiet għall-Irtirar fis-sena 2015, u l-appellat kien għadu membru tal-Iskema.

[1] Ed. Max Ganado.

13. Minn hawnhekk l-Arbitru għadda sabiex elenka diversi prinċipji li kienu applikabbli fil-konfront tas-soċjetà appellanta skont il-*general conduct of business rules/standard licence conditions* applikabbli taħt ir-reġim tal-Kap. 450 kif imħassar, u tal-Kap. 514 li ssostitwih. Għal darb'oħra l-Qorti tirrileva li jirriżulta li s-soċjetà appellanta bħala Amministratriċi tal-Iskema kienet tenuta li timxi b'kull ħila dovuta, kura u diliġenza fl-aħjar interessi tal-benefiċċjarji tal-Iskema. L-obbligi legali tagħha jirriżultaw ċari u inekwivoċi, tant hu hekk li l-Qorti tirrileva li diġà minn dak li ngħad, jirriżulta li d-difiża tagħha li hija qatt ma setgħet tinżamm responsabbli għaliex ma kellha l-ebda obbligu fil-konfront tal-appellat, ma tistax tirnexxi.

14. L-Arbitru mbagħad għadda sabiex għamel l-osservazzjonijiet tal-aħħar tiegħu, li l-Qorti ssib ferm utli u rilevanti. Ikkunsidra li d-danni riżultanti kienu ċari u faċilment komputabbli, kif evidenti mill-*Estimated Surrender Quote* li nħarġet minn Providence Life Limited fl-1 ta' Settembru, 2021. Huwa ttratta l-allegati nuqqasijiet tas-soċjetà appellanta kif ġej:

(a) <u>*Dwar in-nuqqas tagħha li tindika fl-applikazzjoni l-*marketing fee *in kwistjoni.*</u> Kien ċar li fl-applikazzjoni ma kien hemm l-ebda riferiment għall-marketing fee *in kwistjoni* jew dettalji dwarha, u għalhekk l-ilment tal-appellat kellu jintlaqa', filwaqt li osserva s-segwenti –

(I) għalkemm l-Iskema u l-polza sottostanti kienu prodotti distinti, l-appellat kien ġie offrut pakkett sħiħ fejn fl-applikazzjoni għal sħubija kien hemm indikat l-miżati tal-Iskema u anki dawk tal-polza sottostanti, filwaqt li l-applikazzjoni tal-polza kellha ndikata fuqha *'For use with the STM Malta Retirement Plan',* u kienet tagħmel

riferiment għas-soċjetà appellanta bħala *Trustee* tal-Iskema, u tat dettalji dwar l-Iskema nnifisha. Imbagħad kienu l-appellat flimkien mas-soċjetà appellanta, li ffirmaw l-applikazzjoni għax-xiri tal-polza, li kellha bħala l-bażi tagħha t-termini u l-kundizzjonijiet tal-imsemmija polza, li għalhekk kienu jagħmlu parti mill-istess applikazzjoni. Hawnhekk qal li kien hemm indikat il-miżata kkontestata li ma kienitx dehret fl-applikazzjoni għas-sħubija fl-Iskema, u lanqas fl-applikazzjoni għall-ħruġ tal-polza li ġiet iffirmata f'Diċembru 2013. Qal li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza maħruġa fl-2014 fir-rigward tal-istruttura tal-miżati, kienu saħansitra differenti minn dawk li kienu dehru fl-applikazzjonijiet imsemmija. Huwa hawnhekk għamel riferiment għal dak li qal l-appellat stess fix-xhieda tiegħu dwar dan in-nuqqas, u rrileva li s-soċjetà appellanta stess kienet saħansitra ammettiet li kien hemm diverġenza bejn id-dokumenti li ffirma l-appellat flimkien magħha, u d-dokumenti li eventwalment irrilaxxjat Providence Life Limited. L-Arbitru rrileva li s-soċjetà appellanta kienet naqset milli tispjega meta fil-fatt l-miżata kienet ġiet inkluża fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza maħruġa minn Providence Life Limited. Huwa madankollu seta' jgħid minn dak li rriżulta f'każ ieħor li nfetaħ kontra s-soċjetà appellanta bin-numru ASF 005/2002, li fil-31 ta' Lulju, 2013, Providence Life Limited kienet diġà rrilaxjat lil ħaddieħor polza bl-istess termini u kundizzjonijiet, fejn kienet tirriżulta l-miżata in kwistjoni. Dan qal filwaqt li ma kienitx ġiet indikata fl-applikazzjonijiet rispettivi. B'hekk qal li kien hemm provi

bižżejjed sabiex l-ilment tal-appellat ġie sostanzjat. L-Arbitru qal li kienu jirriżultaw diversi diskrepanzi fid-dokumenti li ġew mgħoddija lill-appellat, u li qatt ma nġibditlu l-attenzjoni lejhom. Iddikjara li dawn kienu ħallew l-effett tagħhom fuq l-interessi tal-appellat. Għalhekk ikkunsidra li s-soċjetà appellanta kienet iddekadiet mill-obbligi tagħha kif imfissra iktar 'il fuq;

(II) il-miżata ma ssemmietx fil-*Providence Life Key Features Document* li kien fih informazzjoni li ma kienitx tidher jew li kienet inkonsistenti mat-termini u l-kundizzjonijiet fl-istess pakkett ta' dokumenti mgħoddija lill-appellat.

(b) <u>*Dwar l-allegazzjoni li s-soċjetà appellata kienet naqset li tinfurmah dwar it-tibdil propost fil-miżati skont is-sezzjoni* 'Declaration' *fl-applikazzjoni għas-sħubija fl-Iskema*</u> - L-Arbitru esprima l-fehma li s-soċjetà appellanta kellha relazzjoni kummerċjali ma' Providence Life Limited sabiex hija setgħet iżżid dettalji tal-polza fil-formoli tagħha stess, iżda qies li hija kellha l-obbligu li taċċerta li l-informazzjoni dwar il-miżati kienet dik kurrenti u aġġornata. Qal li l-fatt li minħabba żball fis-sistema, l-miżata ma kienitx dehret fil-valutazzjoni tal-polza għal tmien snin sħaħ, kellu mpatt negattiv fuq l-interessi tal-appellat. Dan fejn is-soċjetà appellanta fir-rwol tagħha ta' Amministratriċi u *Trustee* tal-Iskema, imma anki bħala titolari tal-polza, kellha tkun konsapevoli tal-miżati applikabbli taħt l-imsemmija polza. Għalhekk fil-fehma tiegħu s-soċjetà appellanta kienet naqset li taġixxi fl-aħjar interessi tiegħu, u dan ħalla konsegwenzi materjali;

(ċ) _***Dwar l-allegazzjoni li s-soċjetà appellanta kienet naqset milli tassistih sabiex jikkontesta l-miżata mposta***_ - L-Arbitru aċċetta l-argument tas-soċjetà appellanta li hija ma kellha l-ebda poter fuq il-polza, ġaladarba ma kienitx it-titolari tagħha, u għalhekk ma setgħetx titlob lil Providence Life Limited tneħħi kwalunkwe miżata. Iżda tajjeb għaraf ukoll li hija kienet mistennija tassisti lill-appellat sabiex jikkontesta l-miżata in kwistjoni permezz tat-*Trustee* preżenti u titolari tal-polza. Wara kollox qal li ma kien hemm xejn x'iżomm lis-soċjetà appellanta u STM Gibraltar milli jiddiskutu bejniethom is-sitwazzjoni riżultanti, u anki ma' Providence Life Limited, iktar u iktar meta l-miżata kienet imposta retrospettivament sabiex b'hekk kopriet ukoll il-perijodu meta s-soċjetà appellanta kienet *Trustee* u Amministratriċi tal-Iskema.

15. L-Arbitru mbagħad tenna li bħala l-Amministratriċi u t-*Trustee* tal-Iskema, u anki bħala t-titolari tal-polza, is-soċjetà appellanta kellha tkun taf dwar id-diverġenzi fid-dokumenti li hija stess iffirmat. Qal li għalkemm il-miżata ma kienitx ġiet imposta jew applikata minnha, hija ma kienitx meħlusa mill-obbligi tagħha fl-irwoli rispettivi tagħha. L-Arbitru ssuġġerixxa wkoll li s-soċjetà appellanta seta' kellha kunflitt ta' interess fir-rigward tal-imsemmija miżata, jekk hija kienet involuta fid-distribuzzjoni tal-polza bħala parti mill-istruttura tal-Iskema, ġaladarba l-iskop tagħha kien ġie dikjarat li huwa *"to cover the costs of distributing the policy".* Huwa aċċenna għad-*disclaimer* imniżżla fl-applikazzjoni għall-ħruġ tal-polza, fejn hija kellha l-obbligu li tanalizza l-imsemmija polza sabiex tassigura li din kienet skont il-bżonnijiet tagħha. Fl-aħħar kumment tiegħu hawnhekk, l-Arbitru qal li wara kollox is-soċjetà appellanta kellha kontroll

fuq il-polza, u għalhekk kellha tassigura li ma kienx hemm diverġenzi materjali bejn l-applikazzjoni u dak li ġie aċċettat mill-appellat.

16. L-Arbitru mbagħad għadda sabiex għamel diversi osservazzjonijiet fir-rigward tar-riferiment li s-soċjetà appellanta kienet għamlet fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha għal deċiżjoni oħra tiegħu partikolari, u fisser għaliex huwa ma kienx jaqbel magħha li ż-żewġ każijiet kienu simili.

17. B'hekk l-Arbitru għalaq dawn il-konsiderazzjonijiet kollha tiegħu, billi korrettement għaraf li l-appellat kien straħ fuq is-soċjetà appellanta bħala t-*Trustee* tal-Iskema, li din taġixxi b'diliġenza u l-attenzjoni ta' *bonus paterfamilias,* tipprovdih bl-informazzjoni, u tispjegalu l-aspetti materjali tal-Iskema, imma anki sabiex tipproteġi l-interessi u l-assi tiegħu minn telf jew dannu. Għar-raġunijiet li huwa kien spjega iktar 'il fuq, l-Arbitru stqarr li s-soċjetà appellanta kienet uriet nuqqas ta' diliġenza fl-amministrazzjoni tal-Iskema fir-rigward tal-appellat, u fit-twettiq tal-obbligi tagħha ta' *Trustee* u Amministratriċi tal-Iskema, imma anki bħala titolari tal-polza. Hija kienet naqset milli tilħaq l-aspettativi raġonevoli u leġittimi tal-appellat, li kien qiegħed il-fiduċja tiegħu fiha.

18. Il-Qorti tgħid li taqbel mar-raġunament tal-Arbitru, u tagħmel tagħha wkoll il-konsiderazzjonijiet mirquma tiegħu fejn fisser b'mod tassew tajjeb in-nuqqasijiet u r-responsabbiltajiet tas-soċjetà appellanta. Għalhekk hija ma ssibx l-aggravji tas-soċjetà appellanta ġustifikati, u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, u dan filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż marbuta mad-deċiżjoni appellata għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-istess soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**